MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 452/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Ciappara u l-istess Carmelo Ciappara**

**vs**

**Simon Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm757.99), bhala risarciment ta' danni komplessivi, kwantu ghal sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm682.99) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) lill-attur Carmelo**

**Ciappara, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-Qrendi fis-26 ta' Novembru, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru BAF-874 habat mal-vettura numru NIG-002, peropjeta` ta' l-attur Carmelo Ciappara u misjuqa minn Catherine Ciappara, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre d-danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-1 ta' Frar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Marzu, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Catherine Ciappara, is-sewwieqa awtorizzata mill-attur Carmelo Ciappara, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Catherine Ciappara, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, PS577 Joseph Abdilla, Catherine Ciappara u Simon Muscat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkusidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Novembru, 2001, ghall-habta tal-11.30a.m., fi triq Misrah is-Sinjura, fil-Qrendi, bejn il-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni NIG-002 misjuqa minn Catherine Ciappara u proprjeta` ta' l-attur Carmelo Ciappara, u l-**

**vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni BAF-874 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Il-konvenut kien gej minn Triq Misrah Is-Sinjura, mid-direzzjoni tal-Qrendi sejjer fid-direzzjoni tas-Siggiewi, filwaqt li Catherine Ciappara kienet qed iddur ghall-go l-istess triq, gejja minn Siggiewi Road mid-direzzjoni tal-Qrendi..**

**3. Jirrizulta li t-triq Misrah is-Sinjura, ghandha hitan tas-sejjieh gholjin, u kif jiddefiniha l-konvenut hija triq imharbta, bil-haxix mal-genb. Il-konvenut ikkonferma li jghaddi spiss minn hemm, u jaf li karrozzi iduru minn fejn daret Catherine Ciappara. Ikkonferma wkoll li karrozza minn fejn giet Catherine Ciappara, ma tarahix gejja.**

**4. Jirrizulta mill-provi li Catherine Ciappara, waqfet qabel ma bdiet iddur, u daqqet il-horn. Jirrizulta wkoll li hi ntlaqtet meta kienet wieqfa. Lill-konvenut ratu biss mal-habta, ghalkemm semghet il-brejkijiet qabel.**

**5. Ir-Road Accident Report bazikament jirriproduci dan li ntqal. Jinghad fih, fil-verzjoni tal-konvenut: "arriving at the spot of impact he saw the other vehicle in front of him, applied brakes but kept going onto the other vehicle."**

**6. Kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Debono vs Camilleri:**

**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**

**Kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**

**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control………..."**
**Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:**
**"Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita` della macchina."**

**7. Ma hemmx dubbju li Catherine Ciappara kienet qed tuza d-debita diligenza fil-manuvra li kienet qed taghmel biex iddur ghal go Triq Misrah Is-Sinjura, u kienet wieqfa meta gara l-incident, u sahansitra daqqet il-horn biex tavza bil-presenza taghha. Jirrizulta wkoll li l-konvenut, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-lok li minnu kien ghaddej, messu kien hafna aktar diligenti fis-sewqan. Dana qed jinghad mhux biss talli l-konvenut ma kellux hin biex jieqaf meta lemah l-vettura l-ohra, tant li halla brake marks twal seba' metri, izda wkoll in vista tal-fatt li jidher li lanqas ma kien sufficentement attent ghal vetturi li setghu johorgu minn dik it-tidwira, meta jaf ben tajjeb li l-vetturi johorgu minn hemm. Il-konvenut definitivament ghall-lok li fih kien qed isuq ma kellux dak il-kontroll desiderat fuq il-vettura tieghu.**
**8. Tenut kont ta' dan kollu, il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**
**9. L-attrici kellha danni fuq quddiem, u gew esebiti l-ircevuti dwar id-danni li komplessivament jammontaw ghall-seba' mija tmienja u hamsin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm758.99), pero` in kwantu qed jintalab l-ammont ta' seba' mija sebgha u hamsin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm757.99), it-Tribunal qed joqghod fuq dan l-ahhar ammont. Id-danni thallsu mill-assikurazzjoni hlief ghall-hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) excess li thallsu mill-attur.**

**Ghaldaqstant in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-atturi, u jikkundanna lill-konvenut ihallas: lis-socjeta` Elmo Insurance Agency**

**Limited noe is-somma ta' sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm682.99), u lill-attur Carmelo Ciappara s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00), kif ukoll l-imghax legali b'effett mill-1 ta' Frar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament, fuq iz-zewg ammonti imsemmija.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------